# Laqgħa tal-Kabinett fil-Każin tal-Banda Imperial

Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Mellieħa u tal-Għaqda Mużikali tal-Banda Imperial, il-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern, żamm il-laqgħa tiegħu fl-istess każin fil-21 ta' Jannar 2014. Dan huwa meqjus bħala wieħed mill-ogħla organi tal-pajjiż. Ta' min jgħid ukoll li din kienet it-tieni laqgħa ta' din ix-xorta li qatt saret f'Malta fejn is-sena l-oħra saret laqgħa simili fin-nofsinhar ta' Malta, eżattament f'Marsaxlokk u wara kien imiss li din tinżamm fit-tramuntana tal-pajjiż. Dan sar hekk bl-għan li l-Kabinett tal-Ministri joħrog mill-Berġa ta' Kastilja u jżomm laqgħat qalb il-poplu kif kien imwiegħed fil-programm elettorali u jkun jista' jagħti ċ-ċans lill-Kunsilli Lokali biex jitkellmu mal-kabinett.

Għal din il-laqgħa li kienet preseduta mill-Prim Ministru l-Onor. Dr Joseph Muscat, saret diskussjoni miftuħa għal mezzi tal-midja mal-Kunsilli Lokali tat-Tramuntana li kienu rappreżentati kemm mis-Sindki u anki minn xi Kunsilliera.

Il-Kunsilli preżenti kienu: tal-Mellieħa, l-Imġarr, San Pawl il-Baħar, il-Mosta, ir-Rabat, Ħad-Dingli, in-Naxxar, Ħal Għargħur, l-Imdina, l-Imtarfa, Pembroke u s-Swieqi li huma kollha parti mir-regjun tat-Tramuntana.

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa permezz tas-Sindku s-Sur John Buttigieg, ingħata ċ-ċans jagħmel preżentazzjoni fuq il-Mellieħa, liema preżentazzjoni ttrattat l-istorja tal-Mellieħa u dwar ukoll il-proġetti u d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom l-istess Kunsill. Il-Kunsilli Lokali l-oħra ngħataw iċ-ċans ukoll jagħmlu l-interventi tagħhom.

Kienu diversi l-punti li tqajjmu waqt il-preżentazzjoni dwar il-Mellieħa u dawn kienu:

Il-problema tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier
Il-*Promenade* tal-Għadira
Il-bajjiet l-oħra
Il-Palazz ta' Selmun
Is-settur tal-għaddasa
Iċ-Ċentru tal-Komunità fil-Mellieħa
Id-dawl tal-Knisja tal-Manikata
Il-Pjazza tal-Manikata
Il-Park Industrijali fil-Mellieħa

Il-Kunsill għamel enfasi biex ikun hemm



*Laqgha tal-Kabinett (Ritratt: Reuben Piscopo, DOI)*



riforma fil-qasam tal-*Local Enforcement System*, kif ukoll biex il-Kunsilli Lokali jiksbu l-awtonomija fiskali.

Il-Prim Ministru fit-tweġiba tiegħu għal din il-preżentazzjoni, qal li l-Gvern huwa kommess li jagħmel fondi minn sorsi ġodda disponibbli għall-Kunsilli Lokali fosthom fondi mill-*Individual Investor Programme (IIP)* u li ġie mħabbar ukoll li għall-Palazz ta' Selmun se tkun qiegħda tinħareġ espressjoni ta' interess fiż-żmien li ġej.

Żgur u mhux forsi, li dan l-avveniment ħa jibqa' mniżżel fil-passi tal-istorja, kemm tal-Mellieħa, kif ukoll dik tal-Għaqda Mużikali Imperial.



*Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa waqt il-laqgħa tal-Kabinett*



*Il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat jiffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi*